MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRETA MIFSUD**

Seduta tas-17 ta' Frar, 2009

Talba Numru. 156/2007

**Public Broadcasting Services Limited (C 13140)**

**vs**

**Noel Magri ezercenti l-kummerc bl-isem Mega Music Management**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tas-socjeta' attrici li talab li l-konvenut jigi ddikjarat bhala debitur tas-socjeta' attrici fis-somma ta' elf u hamsin lira Maltin (Lm1,500), u cioe' ekwivalenti ghal tlett elef, erba' mija u erbgha u disghin Euro u sitt centezmi (€3,494.06) rapprezentanti bilanc fuq dritt dovut ghal servizzi rezi lilu.

Illi, ghalkemm l-imsemmi konvenut gie interpellat diversi drabi sabiex ihallas l-ammont dovut, dan baqa' inadempjenti.

Ghalhekk, is-socjeta' attrici talbet lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenut ihallasha l-ammont ta' elf u hamsin lira Maltin (Lm1,500), u cioe' ekwivalenti ghal tlett elef, erba' mija u erbgha u disghin Euro u sitt centezmi (€3,494.06) rapprezentanti bilanc fuq dritt dovut ghal servizzi lilu resi.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-23 ta' Mejju, 2006 (rif. 3092/06) u bl-interessi skond il-ligi sad-data tal-effettiv pagament.

Ra r-risposta tal-konvenut nomine li eccepixxa illi t-talba attrici ghandha tigi michuda stante li s-socjeta' attrici naqset milli taghti servizzi lill-eccipjent fil-mod miftiehem u dan apparti li l-kwalita' ta' servizzi rezi kienet mankanti ghall-ahhar.

Ra x-xhieda ta' Ramona Mamo Degiovanni, li tokkupa l-kariga ta' *Clerk* 2, mal-*Finance Department* tas-socjeta' attrici. Tispjega li l-konvenut, Noel Magri, kien il-proprjetarju tas-socjeta' Mega Music Management li torganizza l-Carlsberg Music Awards. Kien sar ftehim sabiex ikun hemm reklamar ta' dan l-avveniment fuq it-televizjoni. Il-fatt li l-kuntratt ma kienx gie ffirmat kienet prassi.

Tikkonferma li l-ammont pretiz kien ghadu dovut. Il-konvenut nomine kien qed jikkontesta dan l-ammont minhabba li allegatament kien hemm *bad filming* u *bad editing* u dan ma kienx jirreferi ghal dan il-kont, ghaliex il-konvenut nomine kien qieghed ihawwad dan il-kaz ma' kaz iehor li fuqu kien hemm l-istess bilanc, izda li kien jirrigwarda kirja ta' *outside broadcasting unit* u *crew* li gew intuzati fl-*ice arena*. Fil-fatt, tghid li kienet tohrog zewg (2) *invoices*.

Il-kontestazzjoni kienu saru mill-konvenut Noel Magri personalment u dan ukoll kien qabbad lil Dr. Paul Farrugia, li kien kiteb lis-socjeta' attrici sabiex jintlahaq ftehim.

Ix-xhud tkompli tispjega li l-kaz li kienet qed taghmel referenza ghalih kien tat-23 ta' Novembru, 2003, u cioe' meta kien hemm il-Malta Music Awards u l-kont kien jirrigwarda r-riklamar tal-Carlsberg Music Awards.

Ix-xhud tikkonkludi li kienu qed jippretendu l-hlas ta' kuntratt ta' riklamar ghaliex kien imtela' 100 *booking order* u din hija l-prassi mas-socjeta' attrici sabiex ikun hemm reklamar. Anke *spot* jista' jigi nterpretat bhala reklamar. Fil-fatt, il-granet u hinijiet li kien hemm l-ordni gew segwiti.

Tghid ukoll li kien hemm kont li baghtu lill-konvenut nomine ghall-hlas ta' *spot* wiehed li sar fit-3 ta' Dicembru, 2003 u dan kien jammonta ghal elf lira Maltin (Lm1,000) ekwivalenti ghal elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37). Kien hemm *spots* ukoll li kienu jixxandru b'xejn.

Ra x-xhieda ta' Noel Magri li jghid li l-kaz imur lura ghal meta kien hemm il-Malta Music Awards tas-sena 2003. Kien hemm ftehim mas-socjeta' attrici li s-serata tal-Awards tigi ffilmjata bil-*outside broadcasting unit* u l-istess filmat kellu imbaghad jixxandar fuq l-istazzjon. Kien hemm ukoll ftehim li kellu jkun hemm *spots,* jew ahjar reklamar, tal-avveniment li kellhom jixxandru fl-*air time* taghhom. .

Jispjega illi generalment li jigri huwa, illi gurnata qabel ma jkun hemm l-Awards imur xi hadd mis-socjeta' attrici sabiex jaraw kif ser jiffilmjaw u mbaghad isir l-*editing*. Il-konvenut nomine imbaghad jinghata kopja tal-film kif editjat qabel ma jixxandar. Izda, dan kollu ma sehhx l-aktar minhabba li f'dak iz-zmien, is-socjeta' attrici kienet ghaddejja minn perjodu ta' *restructuring*.

Wiehed mill-ilmenti li kellu, kien ukoll li meta ffilmjaw, kienu naqsu li jiffilmjaw l-*isponsors* tas-serata u dan meta jsir ftehim mall-istess *sponsors* li jigu ffilmjati l-*logos* taghhom u dan ma rrizultax fil-filmat. Meta l-prezentaturi wkoll semmew l-*isponsors* dan gie ukoll editjat mill-filmat. Fil-fatt, ir-rizultat kien li l-*isponsors* irrifjutaw li jhallsuhom u dan peress li  l-affarijiet ma kienux sehhew skond dak li kien miftiehem. Matul is-serata, l-*isponsors* jinghataw

*exposure* billi jkun hemm hmistax-il (15) sekonda ta' riklamar fuq l-*isponsor*. Dan kollu ma sehhx.

Ukoll kien hemm ftehim mal-*Producer* ta' Ira Losco, fejn kellhom ixandru l-*performance* shiha taghha mill-bidu sal-ahhar, izda peress li dan ma sarx, ma setghux ighaddu l-kopja tal-*performance* lil certu Keith.

Ighid ukoll li bhala organizzaturi tal-Music Awards, apparti hu, kien hemm Keith Pillow, kif ukoll Carlo Borg Bonaci u kienu ilhom jorganizzaw dan l-avveniment sa' mis-sena 1995. Minn dejjem kienu jaghmlu ftehim mas-socjeta' attrici u qatt ma kien hemm problemi ta' pagament.

Kien hemm ilment iehor, fejn kienu ftehmu li l-filmat jixxandar fil-*peak time* u cioe' fit-8.30p.m. wara l-ahbarijiet, izda dan ma sehhx, ghaliex parti mis-serata intweriet wara d-9.00p.m. u l-parti l-ohra intweriet xi darba l-Hadd wara nofsinhar u dan meta s-*show* shih dam tlett (3) sieghat shah.

Kienu saru l-ilmenti da parti taghhom u jinsisti li kien hemm biss kont wiehed (1) pendenti. Ighid ukoll li s-socjeta' attrici kienet qed tinsisti li ma setghetx tasal ghal ftehim, qabel ma jkun hemm is-sentenza.

Ix-xhud ikompli jispjega illi m'huwiex minnu li l-*booking order* mhux necessarjament irid jigi ffirmat. Jinsisti li kien hemm kont wiehed (1) pendenti u dan kien jirrigwarda l-kirja ta' *outside broadcasting unit* sabiex jiffilmjaw is-serata. Kien talab ukoll li jkun hemm is-*show* u l-*promos,* u cioe' reklamar tal-avveniment qabel ma jsir l-iffilmjar tal-Malta Music Awards . Ma kienx sar ftehim, izda li kien hemm, kien biss ftehim verbali. Il-ftehim kien generalment isir ma' Andrew Psaila, kif ukoll ma' Joe Scicluna u fil-fatt kienu informawhom bl-ilmenti.

Ra x-xhieda ta' Keith Pillow, li kien parti mill-*organising committee* u kien shab ma' Noel Magri. Ighid li hu kien jiehu hsieb igib l-*isponsors* ghall-Music Awards, u fl-istess waqt jara kif seta' jiehu hsieb il-*marketing* ta' dawn l-*isponsors*.

Il-ftehim mas-socjeta’ attrici kien li hija tiehu hsieb il-*filming*, filwaqt li huma jiehdu hsieb il-produzzjoni, b’dana li jinghataw *air time* ghar-reklamar u dan kien minghajr hlas. Issa, fl-2003, peress li kienet qed issir riforma fis-socjeta’ attrici, fil-laqgha li kellhom ma’ Andrew Psaila, kien talabhom il-hlas ta’ *overtime* ghall-*crew* li kien ser imur jiffilmja u ghalkemm ma kienux qed jippretendu dan il-ftehim, accettaw.

Kellhom jinghataw sitt (6) minuti *air time* waqt li kien qed isir l-avveniment u dan fuq riklamar tal-isponsors. Kien hemm tnax-il (12) sponsor li kellhom jidhru u fil-fatt kienu kollha dehru fuq il-*big screen*.

Meta, imbaghad il-*filming* gie editjat, tant li fil-mument li kienu qed jinghataw l-*awards*, l-*isponsors* ma deherux fuq il-*big screen* ghaliex l-istess *screen* ma deherx.

Ix-xhud jikkonferma li kellhom zewg (2) ilmenti, wiehed kien li ma kienux gew ikkuntatjati fuq l-*editing* finali qabel ma gie trasmess il-programm. It-tieni ilment kien illi l-programm ma giex trasmess fil-*prime time*, cioe’ bejn it-8.30p.m. u l-11.00p.m. u inqassam f’zewg (2) xandiriet individwali.

Inholqot problema ukoll, billi kellha tinghata promozzjoni ta’ *release* ta’ *single* gdida tal-kantanta Ira Losco u peress li l-programm nqata’ fin-nofs, kien sar editjar tal-kanzunetta taghha u spiccaw il-Qorti mal-Bridge Productions. Il-kantanta dakinhar ma kellhiex tithallas ghaliex kienet ftehmet li tuza’ l-avvenniment bhala reklamar.

Minkejja li kien hemm xi laqghat ma’ Andrew Psaila, xorta baqghu jircievu l-kontijiet.

Ra x-xhieda ta’ Carlo Borg Bonaci, li kien jiehu hsieb il-produzzjoni tal-Malta Music Awards, li filwaqt li kkonferma dak kollu li xehdu Noel Magri u Keith Pillow, zied ighid li hu kien jiehu hsieb li jiftiehem fuq il-produzzjoni ma’ Joe Scicluna, in rapprezentanza tas-socjeta’ attrici u kienu

ftehmu li OB unit jigi nstallat dakinhar tal-avveniment u kellhom isiru r-*rehearsals* matul il-gurnata, izda ma lahqux u kienu armaw ftit qabel l-avvenniment u minkejja li kien tahom parir fejn kellhom jiffilmjaw, il-prodott finali kien differenti.

Ra l-atti u d-dokumenti kollha.

<u>Ikkunsidra</u>

Mill-provi migbura quddiem dan it-Tribunal, hemm kontestazzjoni dwar jekk l-ammont pretiz mis-socjeta' attrici, huwiex dak li kienu qed jikkontendu, u cioe' li rrizulta minn reklamar tal-Carlsberg Music Awards, jew jekk kienx jirrifletti ammont dovut ghal kiri ta' *outside broadcasting unit* kif ukoll ghall-*crew* li kellu jigi ngaggat sabiex jiffilmja is-serata.

Il-konvenuti qed jissottomettu li dan l-ammont m'huwiex dovut stante l-fatt li kien hemm hafna problemi kkagunati mis-socjeta' attrici ghal dak li jirrigwarda t-trasmissjoni tal-Music Awards, tant li ma kienx hemm raguni biex tiggustifika ghalfejn kellhom ihallsu dan id-debitu.

Minn naha l-ohra, is-socjeta' attrici, tinsisti li l-ilment kien jirrigwarda *invoice* iehor pendenti li kien jirrifletti l-istess ammont, izda kien ghal *crew* u l-*unit*, kif spjegat aktar 'l fuq.

Ramona Mamo Degiovanni, in rapprezentanza tas-socjeta' attrici, tispjega li kien hemm zewg (2) *invoices* li kienet tibghat flimkien lill-konvenuti u li kien hemm xi lmenti da parti tal-konvenut. Ghandu jinghad ukoll, li minkejja li ssottolineat dan kollu in vista tal-eccezzjoni tal-konvenut, naqset milli tipproduci kopja tal-*istatement* l-iehor li kien pendenti u oltre minn hekk, it-Tribunal, isibha difficili sabiex jemmen kif la darba kien hemm l-ilmenti da parti tal-konvenut rigward dan l-*invoice* li semmiet, ma ttiehdu l-ebda proceduri, li kienet tkun haga logika, jekk il-konvenuti kienu debituri tal-istess socjeta' attrici.

Is-socjeta' attrici pproduciet *invoice* li jindika li hemm debitu ta' elf lira Maltin (Lm1,000) u cioe' ekwivalenti ghal elfejn, tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) u dan ghal *spots of* 12'00 (vide Dokument PBS 1) li kellhom jintwerew fit-3 ta' Dicembru, 2003, u cioe' meta kellha tinzamm is-serata tal-*awards*.

Id-dokument l-iehor (vide Dokument PBS 3) jaghti aktar stampa cara, fis-sens li r-reklamar kellu jsir waqt l-avvenniment, li kellu jdum madwar saghtejn u nofs u kellu jkun hemm *spots,* jew ahjar reklami ta' 12" 'l wahda, kif ukoll tlett (3) *cameras*. Dan apparti xi *promos* u reklamar li kellu jkun hemm fil-granet qabel l-avveniment.

L-ilmenti tal-konvenuti jikkoncernaw partikolarment tlett affarijiet, primarjament li trasmissjoni li damet circa tlett (3) sieghat u kellha tixxandar bhala program shih fil-hinijiet *prime time* u cioe' wara l-ahbarijiet tat-8.00p.m., minflok gie maqsum f'zewg partijiet ta' siegha u nofs kull wiehed u ma xxandrux fil-*prime time*, kif kien miftiehem.

Oltre minn hekk, gara li kellu jkun hemm il-*launching* ta' *single* gdid tal-kantanta Ira Losco u peress li kien sar *editing* hazin, ixxandret biss il-kanzunetta f'verzjoni editjata.

Ukoll ilment iehor kien li meta originarjment il-ftehim kien li rapprezentanti tas-socjeta' attrici kellhom jiehdu hsieb il-*filming* u jiddiskutu il-verzjoni finali qabel dan ma jigi trasmess, il-*crew* ma kienx mar qabel izur il-post sabiex jiddetermina minn fejn u fejn kellu jiffilmjaw u apparti minn hekk, is-socjeta' attrici kienet ittrasmettiet l-avvenniment, minghajr il-konvenuti kienu approvaw il-verzjoni finali.

L-ahhar u l-aktar ilment sinifikattiv, kien li kien hemm l-*isponsors* tal-avveniment u maghhom l-organizzaturi tas-serata, kellhom ftehim li dawn l-istess *sponsors* kellhom jinghataw *exposure,* billi waqt li qed jinghata l-*award* ikun hemm reklamar tal-*isponsor* ta' madwar hmistax-il (15) sekonda u l-istess *logo* ta' l-*isponsor* kellu jidher fuq il-*big screen* u fuq kollox kellu jintwera fil-produzzjoni finali tas-serata.

Minhabba li l-*crew* tas-socjeta' attrici wasal ftit qabel it-trasmissjoni u minghajr ma nzamm *rehearsal*, naqsu li jinkludu r-reklamar li intwera fuq il-*big screen*. Il-konsegwenza kienet li hafna mill-*isponsors* kienu hassewhom urtati b'dak li kien gara ghaliex ma kienx dak li kienu ftehmu u ghalhekk irrifjutaw li jhallsu lill-konvenuti.

Essenzjalment, l-ilmenti tal-konvenuti jirrizultaw minn ksur ta' kuntratt da parti tas-socjeta' attrici, li anke jekk ma giex iffirmat (kienet prassi li dan ma kienx obbligatorju), ugwalment kien jirrapprezenta obbligu da parti tas-socjeta' attrici fil-konfront tal-konvenuti li jxandru dak li kien gie miftiehem.

Fl-ebda hin, kien hemm xi kontestazzjoni da parti tas-socjeta' attrici li ma kienx hemm dawn il-problemi, anzi tikkonferma li l-konvenut kien baghat ittra bl-ilmenti tieghu u kienu nfurmawh li ma setghux jaslu ghal ftehim, sakemm ma jkunx hemm sentenza minn dan it-Tribunal.

It-Tribunal fl-analisi tieghu tal-provi itendi jaqbel aktar mat-tezi jew verzjoni tal-fatti moghtija mill-konvenut milli dik tal-atturi. It-Tribunal jinsab soddisfatt illi l-atturi ma ezegwewx il-parti taghhom tal-ftehim kif suppost u dan b'detriment, anki finanzjarju, tal-konvenut li m'ghandu jigi tenut ihallas l-ammont mitlub mill-atturi. Huwa minnu li dak iz-zmien is-socjeta' attrici kienet ghaddejja minn perjodu ta' riforma u kienu qed jaffaccjaw hafna problemi, pero' dan kollu ma jistghux ibatih l-konvenut.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talbiet attrici bl-ispejjes kontra is-socjeta' attrici.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------